MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

UNIVERSITY LIBRARY

The University of Malta

**Id-disa' Sena** **Marzu 1939** **Għadd 97**

**1d.**

Mitbugħ fl-"EMPIRE PRESS" 266, Triq San Pawl—Il-Belt.

*KTEJJEB TA' KULL XAHAR — GĦAT-TAGĦLIM*

TISĦIB XELIN FIS-SENA JEW 1*d*. IL-GĦADD

GĦAND AQUILINA TA' TRIQ IRJALI

ILAĦĦAQ IT-TIXRID TA' MADWAR ELF

JIDĦOL FID-DJAR TAL-KBAR U Z-ZGĦAR

## KONDIZZJONIJIET

**Kull imsieħeb li ma jġeddedx it-tisħib sa wara għadd li jkun wasallu mhux imħallas, ismu jitħassar mill-kotba tagħna.**

**Kull kitba li tinbagħat ma titreġġax lura u lanqas ma jingħataw fehmiet privati bil-miktub dwar xogħlijiet letterarji mibgħuta.**

**Leħen il-Malti hu l-ewwel nett ġurnal ta' l-istudenti ta' l-Università u għalhekk il-kitba ta' dawn tieħu l-ewwel post.**

**Il-kitba ta' barranin li ma tlaħħaqx sa fejn jitlob il-ġurnal titħalla barra mingħajr ma tinagħta l-ebda raġuni**

**Il-kitba ta' nies mhux magħrufa jew imħarrġa biżżejjed tista' tkun mimsusa qabel tidher stampata.**

**Kittieba barranin m'għandhomx jibgħatu kitba li tieħu iżjed minn tliet faċċati.**

**Leħen il-Malti jitlob kitba li jkun fiha xi ħaġa iżjed minn Malti safi— sengħa u koltura.**

**Meta kitba tidher fuq isem b'ieħor l-editur għandu jkun jaf isem sewwa tal-kittieb bl-indirizz b'kollox.**

**Leħen il-Malti jiżżi ħajr lill-ħbieb kollha li jxerrduh fost dawk li għad ma bdewx jaqrawh, l-aktar lil dawk li jgħinuna nkabbru l-għadd ta' l-imseħbin.**

**Ittri u kitba letterarja għandhom jinbagħtu :**

**EDITUR, LEĦEN IL-MALTI (Università)**
**Empire Press, 266, Triq San Pawl,**
**Il-Belt.**

LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

MARZU 1939] ID-DISA' SENA [Għadd 97

# IL-KITTIEBA TA' GĦADA

Fl-ewwel ktieb ta' l-Antoloġija Maltija, jien ktibt fuq il-kittieba tagħna ħajjin, fit-tieni l-professur Saydon kiteb fuq il-kittieba l-mejtin. Il-fehma tagħna f'dawn iż-żewġ artikli kienet li nagħtu ħjiel tajjeb tal-ħajja letterarja Maltija, u naħseb li wasalna biex nuru li lsienna ħajtu hija wisq asaħħ milli kienu jaħsbu ħafna li, mingħalihom, il-Malti kien qiegħed inin fil-kċejjen u l-imqajel, għax il-kitba li għażilna minn għadd sbejjaħ ta' prożaturi u poeti wriet bid-dieher li l-Isien Malti ġa għandu tradizzjoni letterarja ġmielha. Hemm fil-letteratura tagħna ismi-jiet magħrufa jiddu bħal kwiekeb mixgħula fuq id-dagħbien tal-ġlied li firidna hekk bl-ikreh. Bħallikieku għalina kienu egħżież ħafna, fost oħrajn, l-ismijiet ta' Dun Karm, Cuschieri-Ġużè Muscat-Azzopardi, Temi Zammit u ta' xi wieħed miż, żgħażagħ li għadhom telgħin qalbiena t-telgħa sabiħa, għal-kemm tqila, ta' l-Arti Maltija.

Mela l-Malti letterarju ġa nħoloq; u ma għandniex biża' li ma jistax jogħla biżżejjed mal-ħsieb, għax mill-kitba li għandna f'idejna, u li qiegħda dejjem toktor, rajna sa fejn jista' jasal. L-iċken Malti m'għandux x'ifixklu ħlief il-mibegħda u t-tixwix ta' l-egħdewwa, u l-bruda, jew l-għażż, tal-ħbieb.

Wara li rajna kif il-Malti tal-bieraħ u tal-lum tħabat, u rebaħ sa saltan u x'xejra ħa, ħaġa minn awl-id-dinja li aħna nistaqsu lilna nfusna, "U l-Malti letterarju ta' għada kif ser ikun? Xi triq sa jaqbad? X'sa jiswa lin-nazzjon Maltija?"

Il-Malti letterarju ta' għada sa jistgħall rebħa li ma kellux il-Malti tal-bieraħ, illum il-Malti daħal fl-iskejjel l-għoljin u, fost dawn ewlenija, l-Università, li hi għall-gżira tagħna l-aqwa Dar tat-tagħlim fejn jissawwru l-imħuħ u jissaħħu l-fehmiet ta' l-intellettwali ta' għada; id-Dar fejn Malta terfa' l-aqwa tagħlim bil-ħsieb li wliedha ż-żgħażagħ ixerrdu d-dawl li hi tagħtihom fost dawk li riżqhom ma kienx biżżejjed ħanin magħhom. F'din id-Dar l-istudenti li jafu jaħsbu ma jistgħux ma jħossux sens ta' responsabbiltà quddiem is-Soċjetà li bi flusha tħallsilhom ħafna mill-infiq għat-tagħlim tagħhom. Issa din is-Soċjetà tħaddan fiha ħafna ħaddiema, bla skola jew b'nofs tagħlim, li wieħed ma jistax jilħaqhom biex jifthilhom moħħom ħlief bil-Malti, l-ilsien waħdieni li hu tagħhom mit-twelid, jew li huma jafu l-aħjar: u dan is-sens ta' responsabbiltà għandhom iħossuh il-Maltin kollha, sew dawk li huma Maltin mill-qedem sew dawk li huma Maltin minn xi ġenerazzjonijiet 'l hawn. Dan is-sens ta' responsabbiltà fost l-istudenti, għandu jsaħħaħ il-ħajja tal-Malti fl-Università; għax ma ninsewx li l-ilsien li nitkellmu hu biċċa ħajja mill-istorja ta' ġensna, u ħaqqu għalhekk din l-imħabba li biha nistudjaw il-ġrajja qadima ta' niesna, il-ġrajja miktuba u dik marbuta mal-ġebel kbir ta' l-Imnajdra, Ħaġar Qim, u l-qdumijiet l-oħra. Sens ta' responsabbiltà lejn il-Maltin li ma jafux b'ilsien ieħor, sens ta' responsabbiltà lejn Malta Maltija, imħabba ta' wlied għall-omm l-Art li rabbietna, u l-imħabba ta' studjużi għal lsienna bħala biċċa mill-istorja ħajja ta' ġensna, għandhom iwiegħdu lill-Malti ħajja twila, dew-wemija, kotrana, sabiħa, fl-aqwa Dar it-tagħlim fil-gżejjer tagħna. U minn din l-imħabba aħna nittamaw li, 'l quddiem, nibdew niġbru l-egħlejjel il-kotrana, li jagħmlu aktar għanja l-ħajja Maltija, u aktar qalbiena għal jeddijiethom ulied dil-Gżira tal-Baħar tan-Nofs.

Minn għand l-istudenti l-Malti jistenna ħajja akbar, u aktar mifruxa mal-wesgħat tal-ħsieb li kulljum jiġġedded u jitqad-dem f'did-dinja mħawda. Ma rridx ngħid, u l-anqas biss in-tarraf li biex tkun kittieb tajjeb, trid tkun ħriġt mill-Università għax bla għadd huma l-kittieba qawwija barranin li qatt ma rifsu l-għatba ta' Università; madankollu, mingħajr ma nkun innaqqas mill-ġieh ta' xi kittieba tagħna li mhumiex wild l-Uni-versità u li isimhom hu mimli bil-ġieħ, ma nistax ma ngħidx ħalli r-regola tiżgħed bl-eċċezzjonijiet, li l-istudenti ta' l-Università jistgħu 'l quddiem jagħtu lil ġens Malti kitba mill-ogħla u mill-aktar persunali fil-ħajja ġewwinija tagħha, mill-aktar għanja fil-ħsieb, mirquma u intellettwali. Jekk dit-tama titqarraq wieħed ikollu jaħseb li hemm xi ħaġa ħażina, mgħawġa, fis-sistema ta' l-edukazzjoni tagħna. Għalhekk mela, inħajjar bil-qalb kollha

l-istudenti tagħna li jagħtu dak li jistgħu minn żmienhom għal ħidma aqwa ta' lsienna. Għandna ġieħ Malti xi nżommu ħaj minn ġidd għal ieħor, hemm isimna fin-nofs, hemm ruħna. Ma nintilfux bħat-tfal fit-twegħir jekk il-Malti hux 'Lingwa' jew 'Djalett', jekk l-alfabett tal-Għaqda joqrobx lejn il-kitba ta' l-Ingliż aktar milli lejn tat-Taljan u ħmerijiet oħra ta' l-imħuħ magħluqa; imma, nħaddmuh u ngħożżuh bħal ħaġa li fid-dinja kollha hi tagħna biss; inħobbuh bl-imħabba ta' Maltin, u bid-dehen ta' studjużi biex nibnu minnu mafkar storiku tal-ħajja u r-ruħ ta' ġensna.

Mhux kulħadd hu mixħut għall-ħajja letterarja; għadd kbir jasal biex igħożżha biss, għadd iċken biex jagħniha b'xogħolijiet oriġinali, u l-iċken għadd hu tal-poeti, għalkemm ismijiet ġodda ta' qabbiela jfaqqsu kuljum f'kull art u jmutu kif twieldu —bla ġieħ u bla ħoss. Għax ix-xejra tal-poeżija ma tħaġġeġx fil-kotra imma fil-ftit il-magħżula, donnha minnha nfisha din ix-xrara hi lehma misterjuża minn fuq, u għalhekk il-Latini semmewha *afflatus divinus*, bil-malti nifs Alla, għax, tabilħaqq tixbah dil-lehma lin-Nifs li nebbaħ fil-Kotba tal-Ġrajja l-Qadima lil poeti Isaija u David, u lil ħuthom il-poeti pagani ta' Ruma u ta' Greċja. Għax il-poeta jikteb mill-qiegħ ta' qalbu fil-għali, u fil-ferħ; jikteb *de profundis* dak li jħoss ġo fih, il-għatx tal-ħaqq u tas-sbuħija. Mhux għaġeb mela, jekk aħna sejjaħna qabbiela lil dawk li jiktbu mhux *de profundis*, imma *mill-wiċċ* ta' ħajja żgħira billi jidwu l-poeti akbar. U minn dawn il-qabbiela, kif għidna jfaqqsu f'kull art; u jfaqqsu wkoll Malta. U dan ngħiduh bi twiddiba lil poeti tagħna l-magħrufa biex igħożżu s-sejħa tal-Muża, u jingħażlu mill-irmixk ta' qabbiela. U l-Università tagħna, fejn it-taħriġ letterarju hu mill-aħjar, x'ġid ma tistax tagħmel biex il-poeżija ta' għada tissaffa mill-irmixk tat-taqbil ! U x'ġid ma jistgħux jagħmlu l-istudenti, dawk l-aħjar minn rashom, li jitgħarrfu fil-letteraturi barranin, l-aqwa fosthom li jintgħallmu fl-Università, il-letteratura Ingliża, Latina u Taljana !

Mela s-sehem li jrid jieħu l-istudent Malti fil-kitba ta' għada hu sehem sabiħ; u għalhekk għandu jitħarreġ bil-qalb kollha biex jagħmel dmiru lejn Malta. Il-poeżija Maltija bis-saħħa tal-poeti x-xjuħ u taż-żgħar li għadhom telgħin (ħafna minnhom għalkemm mhumiex wild l-Università huma mdaħħlin fit-tagħlim u l-qari ta' letteraturi barranin) ġa ħolqu l-isbaħ tradizzjoni ta' poeżija sabiħa, għanja, ħajja bid-demm li jħabbat fil-vini Maltin. Jalla l-istudenti, dawk il-ftit mill-kotra li jħossu x-xrar ta' l-għana fihom, jidħlu magħhom fil-qasam tal-kitba ! Ir-ruħ ta' nazzjon ħielsa ma tegħja u tmut qatt sakemm għandha l-poeti tagħha. Dil-ħajja l-poeti ta' għada, flimkien ma' dawk

li qed isebbħu lsienna llum, għandhom iżidu jsaħħuha u jwessgħuha mal-wesgħat ta' l-ispirtu; u jagħnu l-prosodija Maltija b'qisien u ritmi oħra bħalma ġara f'pajjiżi akbar. Għal dan hu meħtieġ li huma jżommu ruħhom mgħarrfin fl-iskejjel ta' poeżiji ġodda u qodma, u l-ħsebijiet tal-kritki l-aktar magħrufa biex is-siwi kulturali u intellettwali tal-kitba tagħna jibqa' jiżdied sakemm il-letteratura ssir f'Malta, bħal barra, għodda ta' progress soċjali, barra milli tkun fiha nfisha turija ta' ġmiel, ta' ħila fit-tifsir tal-ħsieb, u ta' ħlewwa fis-sengħa tal-ħsieb.

Mhux il-poeżija biss sa jibqa' jkollha r-rebħiet sbieħ fil-kitba ta' għada, imma l-proża wkoll u din, minħabba li tilħaq għadd akbar ta' nies, aktarx tkun imxerrda iżjed. Ir-rumanz Malti ġa beda jinqala' minn bejn il-ħitan li kienu nbnew madwaru. Jekk qabel ir-rumanz tagħna kien storiku qabel kollox, issa beda jsir xi tibdil billi l-istorja ma baqgħetx il-qofol tax-xogħol, imma saret l-art li fuqha seħħu ġrajjiet soċjali li jolqtu dak jew dan iż-żmien; imbarra dan, deher ukoll ir-rumanz modern, fejn jintwerew drawwiet nies ħajja fi żmienna, fejn jitgħaddbu l-għadiet il-ħziena u l-frugħat ta' rjus battala; u hekk il-proża ġmielha qed taqta' l-quddiem bir-riħ fil-qala', għax is-sengħa dieħla sewwa, u meta taqra l-kittieba ġodda tagħna tħoss li għandhom l-għira tas-sengħa, jagħżlu l-kelma bil-għaqal, u jibnu l-kliem bil-ħlewwa li togħġob lill-widna; u ma tweġġax il-grammatka. Imma r-rumanz għadu fil-bidu tiegħu, għadhom jaħasra, jiġru fl-idejn ir-rumanzi mħarbxa minn nies ta' nofs tagħlim, rumanzi bla ħila miktubin mhux għas-sengħa imma għall-flus. Madankollu mix-xejra li qiegħed jieħu r-rumanz Malti l-ġdid jidher sewwa l-influwenza tal-letteretura barranija, u, wieħed jista' jgħid bla biża' li r-rumanz tagħna, billi aħna poplu Ewropew, b'kultura Ewropea, kbar bil-kobor ta' l-Ewropa, u ċkejknin biċ-ċokon tagħha, jibqa' jimxi fuq ix-xejra tar-rumanz barrani mingħajr, ma għandniex xi ngħidu, ma jitlef ir-ruħ tiegħu Maltija. Il-prożatur qawwi ta' Malta li jibqa' jibni fuq is-sisien li xeħtu ta' qablu, jista' jkun li għadu tifel fl-iskejjel iż-żgħar, u jista' jkun ukoll li hu wieħed miż-żgħażagħ fl-iskejjel għoljin li qiegħed jaqra dan li qiegħed nikteb, u qiegħed bħal issa jħoss titqanqal fih ix-xewqa li jfisser il-ħsebijiet li jgħaddu minn moħħu. Jekk daż-żagħżugħ hu bniedem li għandu f'rasu matmura kulturali, li jħobb jaqra, li jżomm għajnejh miftuħa fuq dak li jgħaddi fil-ħajja Maltija u fuq dak li jiġri barra minn Artna, jista' jibqa' żgur li hu wieħed mill-magħżula tal-qasam letterarju ta' għada. Il-ħsieb biss li dak li jikteb hu jidħol fid-djar u jinstema' minn ħafna, u jingħożż minn qlub mimlijin bl-imħabba tas-sewwa, qlub li jinħakmu mis-sbuħija tal-kelma mħaddma bis-sengħa, għandu jħeġġu biex ifittex jieħu

sehmu fost il-kittieba ta' għada. Imma dan il-ħsieb ukoll għandu jimlieh b'biża' qaddis: il-biża' li joħloq is-sens ta' responsabbiltà, għax ma ninsewx li fis-sehem tat-tixwix tar-rivoluzzjonijiet għall-ġid u għad-deni, tal-bdil ta' fehmiet u gvernijiet, is-sehem tal-kelma kien dejjem mill-akbar. Għalhekk l-ebda bniedem li ma jħossx fih il-qawwa tas-sewwa u tal-ħaqq, il-qawwa ta' l-irġulija ma għandu jaqbad il-pinna f'idejh, għax ma jistax bniedem bħal dan jagħmel ġid, u s-sengħa tal-kitba f'idejh tinbidel f'saħta.

F'ħaġa waħda għadna lura għal kollox u, milli jidher, mhux lakemm ngħaddu 'l quddiem wisq fiha; u din hi t-tijatru Malti. Ħafna kummiedji nkitbu li jdaħħku, imma l-mertu letterarju ċkejken u, għalhekk lilna ma jolqtuniex; għax la darba ma jfissru xejn għal Lsien Malti ma jistgħux jgħixu wisq. Barra '*Il-Fidwa tal-Bdiewa*' ma għandna xejn tajjeb biżżejjed għal fuq il-palk; u l-*Fidwa tal-Bdiewa* aktarx li trid tgħaddi minn xi tibdil biex tista' ssir. Mela, hawn il-kittieba ta' għada jistgħu juru ħilithom l-aktar. U x'qawwa għandu t-tijatru! Kemm tista' tikxef għawar ta' nies li ma jagħmlux il-ħaqq, kemm frugħat ta' nies rashom battala tista' ssawwat, kemm ġid fis-saħħa tal-ġisem u tar-ruħ tista' tagħmel bid-daħk li ddaħħak, u kemm fehmiet utieqa tista' xxerred li mhux lakemm ixxerridhom fost il-kotra xorta oħra! Għalhekk it-tijatru kien, u jibqa' fil-letteraturi barranin ta' l-ikbar ħtieġa; għodda tal-biża' f'idejn kittieb inġenjuż; għodda mill-aqwa għall-ġid u, xi drabi, għad-deni wkoll. Għalhekk mill-kittieba ta' għada nistennew tijatru tajjeb, tijatru Malti artistiku, qawwi, qalil fejn hemm bżonn, tijatru li jagħmel ġid lil lsien Malti u lil Maltin bħala poplu li għandu l-jedd igħaddi 'l quddiem fil-għerf, u fil-ġibdiet politiċi daqs popli oħra; u jekk il-poplu tagħna hu bin-ngħas b'xejn daqs bit-tijatru ma tista' tqajmu mqar b'dehxa, u turih kemm hu ħażin torqod f'dinja li hi mqajma u fuq tagħha; u jekk il-poplu hu mħolli fid-dlam imsewwes, imgħallat, maħkum, b'xejn daqs bit-tijatru ma' tista' ġġagħlu jixxennaq għal ħajja aħjar; u jekk huma niesna lsiera b'xi waħda mill-mijiet ta' jasar morali jew ekonomiku b'xejn daqs bit-tagħlim ma tista' ġġagħalhom jiddejqu minn dal-jasar u jitħabtu għall-jeddijiet tagħhom kif jixraq lin-nies imweldin ħielsa. It-tijatru Malti mela! qajmu t-tijatru tagħna!

Il-kittieba tagħna għandhom xogħol kbir quddiemhom. Mhemmx għalfejn intawwal iżjed biex infisser x'jista' jiswa l-lsien Malti biex il-poplu tagħna jimxi maż-żmenijiet li fihom ħadd ma jista' jitgħażżen jekk ma jridx li jistħoqq l-għajb u t-tgħajjir iebes tal-barrani u '*anqas hemm għalfejn ngħid kemm* hu meħtieġ li nħaddmu lsienna bis-sengħa biex Malta wkoll,

bħal ġnus oħra, jkollha t-tradizzjoni letterarja tagħha. Iż-żmien igħallimna hu kemm hu minnu dan li qiegħed ngħid, l-aktar meta naraw il-qawwa li l-kelma Maltija għad ikollha fuq il-ġens tagħna. Jien naħseb li l-qawwa tal-kittieb ta' għada fuq il-fehmiet ta' niesna sa tkun hekk kbira li l-egħdewwa ta' lsienna nfushom għad ikollhom jifhmu bid-debbus ta' qalbhom li, biex isemmgħu leħenhom jeħtiġilhom, huma wkoll, jieħdu s-sehem tagħhom mal-kittieba l-ġodda. Għad iż-żmien iqalleb, u l-poplu jidra jħobb il-kelma maħduma, il-ħsieb imfisser tajjeb, u l-iskejjel imħallsin minn flus il-poplu jkollhom jibdew jeħduha b'wiċċhom minn quddiem mat-taħwid fil-kitba, u dawn l-egħdewwa ta' lsien Malti jkollhom, mela, jieqfu darba għal dejjem mit-tfixkil. Jekk le, ma jinqrawx; u jintirmew minn ġo l-iskejjel u minn ġod-djar tal-Maltin.

U hekk il-kittieba ta' għada sa jkollhom quddiemhom xefaq isbaħ; imsoffi mis-sħab ta' fehmiet imgħawġa u qarrieqa. U l-ġid lill-Malti jkun mill-akbar.

U la darba qegħdin ngħidu li l-Isien Malti sa jagħmel ħafna ġid lil Malta, sewwa nwieġbu għat-tixlija li sikwit issir lil lsienna li, mħabba fih, sa jkollna nnaqqsu mit-tagħlim ta' l-ilsna, u hekk il-kultura tal-pajjiż sa tbati. Jien nista' nifhem il-għaliex, intom studenti ta' rieda tajba li tiġu l-Università għal tagħlim ogħla, għandkom mnejn tħossu ruħkom tinqatgħu mita tisimgħu din it-tixlija. Aħna żgħar, naf, u lsienna mitkellem minn għadd ċkejken ta' nies, u għalhekk biex intaffuha malbarrani, aħna neħtieġu l-ilsna tagħhom. Imma żgħar kemm aħna żgħar, il-Malti hu tagħna, tagħna biss f'did-dinja fejn hemm igħammru miljuni ta' nies imqassmin fi ġnus bi lsien għalihom. Terġa', it-tagħlim tal-Malti ma jfissirx minnu n-nifsu t-tneħħija ta' ilsna kulturali minn fostna. Imma minn naħa l-oħra l-ebda lsien ieħor ma jista' jitħalla joqtol l-ilsien nazzjonali tagħna, jiġifieri, il-Malti, dak l-ilsien li hu mitkellem min-Nazzjon qabel ilsna oħra. Madankollu, jekk it-tagħlim ta' ħafna ilsna taż-żgħar jisfa f'teftif ta' ftit kliem li jintsew malli wieħed joħroġ mill-iskola, u hekk qishom qatt ma tgħallmu xejn, għal kittieba tal-Malti li jitħarrġu fl-iskejjel għoljin, it-tagħlim ta' l-ilsna hu meħtieġ biex huma jistgħu jżommu ruħhom mgħarrfa b'dak li jiġri fid-dinja ta' madwarna, l-aktar fl-Ewropa li aħna nagħmlu sehem minnha; inkella ħsebijietna ma jkunux akbar miċ-ċokon tal-Gżejjer tagħna Għalhekk it-tagħlim tal-Malti minnu n-nifsu ma jfissirx qirda tal-ħajja kulturali tal-pajjiż; u l-anqas ma hi ħaġa xierqa li tgħabbi l-Malti bil-fehmiet tal-ħsieb tiegħu. F'pajjiż bħal Malta fejn, nizzu ħajr 'l Alla, nistgħallu l-ħelsien ta' l-istampa, kulħadd jista' jgħid dak li jaħseb. Dak li nistgħu ntennu hu li t-tagħlim tal-Malti

minnu n-nifsu ma jitlobx tiċkien fit-tusigħ tal-kultura tal-pajjiż. Kittieba bħal Dun Karm, Ġ. Muscat-Azzopardi, Sir T. Zammit, Professur Cuschieri, kollha nqdew b'ilsna barranin meta ħassew il-bżonn li jfissru ruħhom lil hinn minn Malta wkoll. Mela, mhux biss li l-Malti ma jitlobx tiċkin tal-kultura Maltija, imma li jien ma nafx kif jista' jkun kittieb tajjeb, kittieb li jlaħħaq mal-barranin, m'għandux ħila jimraħ fil-letteraturi u l-kulturi barranin. Ilsien imxerred ħafna fost l-Ingliżi l-aktar edukati, hu l-Franċiż, u wieħed kien kieku jixtieq li l-kittieba tagħna fiż-żmien tagħhom ħieles jistagħnew ukoll b'dan l-ilsien li għandu letteratura mill-aqwa.

Għalhekk iż-żgħażagħ li jitħajjru għas-sengħa tal-kitba, u f'ħin wieħed ma jixtiqux iċekknu l-ħajja kulturali tal-pajjiż, ma għandhomx għax jitbeżżgħu. Kull ma għandhom jagħmlu hu li jżommu 'l Malta f'qalbhom u l-ġieħ tagħha fil-għoli; u jgħinu biex il-ħila ta' niesna ma tinħeliex fit-tbaqbiq fuq ħmerijiet li ma jagħmlux ġid lil isimna. Għax, ma ninsewx li Malta setgħet għaddiet wisq aktar il-quddiem li kieku ma kienx il-ħafna ġlied ta' bejnietna.

Għal kittieba ta' għada, mela, d-dmir li flimkien ma' dawk tal-lum, jiftħu t-triq tal-kobor lill-Għejjer ta' misserijietna.

Ġużè Aquilina

Londra, 25 - 12 - 38

# Żebbuġ tal-Wied

*Lil Prof. P. P. Saydon,*
*sur qawwi tal-Malti.*

Żebbuġ ħadrani 'l hawn u 'l hemm imbiegħed
Fl-egħlieqi mtarrġa jew bil-blat ħotbija,
Minn tul ġenb wieħed, b'libsa ħadra qiegħed,
Issebbaħ dejjem il-Wied ta' Ħal-Lija.

Żebbuġ ħadrani, għelm is-sliem, int twiegħed:
Is-sliema u barka li nħoss jien ġo fija,
Meta bil-weraq u ż-żebbuġ imżiegħed
Narak mit-triq biz-zkuk il-kbar milwija.

Żebbuġ tal-Wied, jekk tridni li nsemmagħlek:
L-għanja ta' qalbi, lili dejjem sejjaħ,
Għal dawra f'wiedek, fejn, is-sliem ixxandar;

Int tħaddar dejjem, sajf u xitwa sbejjaħ,
Għalhekk nixtieq li qalbi tibqa' bħalek
Fil-ħajja, hekk, bit-tama dejjem tħaddar!

MARJU AGIUS

Villa Lija

# Nisel il-kliem

## NARRA

Lanqas dil-kelma ma tidher fil-Word List ta' Dr. Dessoulavy. Iż-żmien bidilha sa ma nisilha tgħajjeb ġmielu imma mhux b'daqshekk intilef. *Narra*, li biha nixtiequ l-ħsara lil xi ħadd, tinbena mill-klejma barranija *n* li dalwaqt ngħidu xinhi, hu l-verb '*arra* (illum mitluf għall-Malti) li jieħu s-suffissi pronominali miegħu skond lil min nixtiequ din jew dik il-ħsara. Il-verb Għarbi li jaqdina biex nibnu dil-kelma kif kienet mijiet ta' snin ilu hu *għara* (radikali: *għ r w*) li Hava jfisser: *to befall a person or thing* (*accident*) u Salomé (a) *Came to, visited* (b) *happened, occurred to, befell* (c) *smote, seized.* U fil-passiv : *was siezed with a shivering fit. Għarwa* tfisser *a sudden approach of misfortune.* Mela dal-verb fil-Għarbi jfisser: ġrat ħsara lil xi ħadd, sew sew dak li nixtiequ b'*Narra.* Tabilħaqq li d-dizzjunarji tagħna jgħidu li b'*Narra* nixtiequ mhux biss id-deni imma l-ġid ukoll, imma meta lil xi ħadd ngħidulu narra jiġrilek dan jew dak il-ġid, aħna aktarx nkunu rridu nniggżuh ħelu ħelu. Hekk lil xi ħadd li dejjem iħawsel mingħajr mistħija ngħidulu narrak tixba' biex ma ngħidulux narrak tixraq; u lil xi ħadd li m'għandux xabgħa ta' flus ngħidulu narrak tistagħna, biex ma ngħidulux narrak tiftaqar ! U din it-tifsira mhix ħlief it-tifsira ewlenija li tintrabat max-xewqa tal-ħsara. U għalhekk il-verb Malti u l-Għarbi jaqblu għal kollox. U l-*n* quddemija xi tkun ? Din mhix ħlief il-klejma *li* li aħna dlonk indaħħlu f'għajdut tax-xewqa bħal meta ngħidu *li kont tistagħna* flok 'Narrak tistagħna'; *li, jaħasra, ilħaqt usalt,* (*Mhux*) *li mitt* u għajdut bħal dan. *Li* tbiddlet f'*n* għax fil-Malti safi, bħal fil-Għarbi, *l* u *r* ma jmorrux flimkien. *Għ* ta' *Għarra* ma tinstemax u dal-verb bl-*Li* mehmuża bħala biċċa waħda mill-kelma u mibdula f'*n* skond il-widna Maltija, sar *Narra*=*may the mentioned misfortune happen to,* skond is-suffissi pronominali.

Dwar il-bdil ta' *l* f'*n* mħabba l-*r* warajha qabbel ukoll il-kelma barranija *naranġ*, missellfa f'xi djaletti Għarbin, flok *laranġ.*

Mill-Grammatka Maltija kif nafuha llum, aktarx li Narrak għall-ewwel kienet tixtieq li saret ħsara fl-imgħoddi bħal meta ngħidu : (mhux) li messitek puplesija! Meta l-verb għara (ll)

ntilef għal Malti, u *Narra* sfat kelma weħidha maqtugħa mis-sens ewlieni tal-verb u s-sura grammatikali, bdiet tfisser xewqa ta' ħsara għal ħin ta' issa jew għalli ġej.

## MOXA

Dwar nisel dil-kelma ma naqbelx ma' Dr. Dessoulavy li joħroġha aktar mill-isem mimmat tal-verb Waħax. Mawħuxa fil-Għarbi tfisser *a land haunted by wild beasts.* (Hava). Imbarra li *mawħuxa* bit-tieni radikali gutturali, mhux la kemm tagħti '*muxa*' fil-Malti, it-tifsira mġebbda ħafna. Caruana jfisser 'muxa': *Campo coperto di poca terra e in gran parte rocciosa.* Qabbel ma' dit-tifsira l-verb Għarbi *môx*, *jamûx*, li Hava u Salomé jfissru : *formed deposits.* Qabbel ukoll mawx li Salomé jfisser: *alluvial deposits*, *alluvium*, *alluvion*, *detritus.* Dit-tifsira u l-għamla l-aktar li jqarrbuna lejn il-Malti.

(*Fadal*).

G. Aquilina.

## XINHI L-ĦAJJA ?

Ħabib, trid taf xinhija
il-ħajja tal-bnedmin ?
hi baħar kbir u wiesa'
li jaf ta' bosta snin

Il-mewġ qalil tal-għira,
il-mewġ aħrax tal-hemm,
il-mewġ minn tal-mibegħda,
il-mewġ tal-ġlied u d-demm.

G. C.

# Ir-radju fil-misraħ tar-raħal.

Kien għal ħabta ta' fil-għaxija. Ix-xemx qajla qajla bdiet tinħeba wara l-għoljiet, iżda xi mrieżaq minn tagħha kienu għadhom iħammru l-qċaċet tal-knejjes fil-bgħid. Sikta u ħemda kbar kienu jsaltnu ma' kullimkien. F'daqqa waħda l-qniepen tal-knejjes fil-bgħid u fil-qrib bdew għalenija jdoqqu t-tislima 'l Marija. Id-dalma tal-lejl bdiet traxxax ħelu ħelu, xħin l-arloġġ tar-raħal daqq is-sebgħa.

"Is-sebgħa!" qalu xi nies li donnhom kienu qegħdin jistennewh bi ħrara kbira. "Is-sebgħa" wieġbu oħrajn waqt li l-ħoss tal-qanpiena baqa' jidwi u jdamdam fil-beraħ tal-misraħ.

Bħal f'xi jum ta' xi ferħa jew inkella f'xi għors li jaħbat ma' tulek ja sena, il-misraħ imtela bħal bajda. Kien hemm nies tax-xogħol, tfal, irħieb u xi ftit milli jagħmluha tajjeb ukoll. Wieħed sata' jara kmiem imxammrin, qliezet imtellgħin, brieret u sdieri bojod bil-ġir, kollox juri l-bżulija tat-tajfa tar-raħal. Min idaħħan, min jitħaddet, tberriq ta' għajnejn, tixjir ta' idejn, iżda kulħadd b'kull widna daqshiex jistenna jibda r-radju. F'daqqa waħda fil-ħemda tal-misraħ, instema' leħen qawwi u sod igħid : "Issa sejrin tisimgħu l-aħbarijiet ta' barra..."

"Isa, Ton!" qal Peppi l-ħamra, raġel imbaċċaċ u ftit itwal minn xibrejn.

Il-leħen ta' qabel żied iħabbar ġrajjiet ta' tagħlim ta' fejda liema bħalhom. In-nies sektin u msammrin lejn tromba kbira ma tilfux kelma waħda biss u b'ħalqhom miftuħ u miblugħin qagħdu jisimgħu u jixtarru dak li kien qiegħed jiġri fi-ibgħad artijiet, fost slavaġ kif ukoll qalb nies imgħallma. Issa saret disgrazzja li twaħħax fuq l-iġbla miksijin bil-borra, u issa saret taqtigħa bejn nies suwed fil-wileġ u qalb il-widien imwiegħra. Fil-Kanada msaġar ta' kobor bla qies ħadu n-nar u saret ħsara kbira u fl-Indja xi xmajjar faru; kinsu l-artijiet għammiela tax-xtut u qerdu ħafna bhejjem u nies.

Il-kelliem beda fuq Spanja. In-nies ta' dik l-art b'għatx klubi għad-demm, kienu jġarrfu knejjes, iwaqqgħu djar, joqtlu nies u jagħmlu kollox ħerba. Imsejkna Spanja x'jiem koroh, ta' hemm u ta' niket kellhom igħaddu minn fuqha! Minn Spanja għaċ-Ċina u hawn il-ħsara xi ħaġa tal-għaġeb. L-għadu kien qiegħed iħarbat egħlieqi u artijiet għammiela, joqtol nies kif ġie ġie u jtarrak pontijiet u toroq.

L-aħbarijiet baqgħu sejrin....

Kemm hu ta' fejda u ta' ħtieġa r-radju għan-nies tar-rħula! Il-kotra bostana hija aktarx sajma minn kull tagħlim. Huma qatt ma marru skola, ma jafu xejn fuq id-dinja. Fi żmenijiet bikrija, huma kienu jgħadduha ħarir, iżda l-lum il-kotra taf taqra u għalhekk l-imsejkna raħlin isibu rnħhom weħedhom u qishom barra mid-dinja. Kollhom ferħanin huma jistennew b'sabar kbir il-ħin ta' fil-għaxja biex jsimgħu dak li qiegħed jiġri ma' l-erbat irjieħ tad-dinja.

L-aħbarijiet spiċċaw, il-misraħ beda jitbattal ġmielu għax it-tajfa bdiet tqarreb lejn darha għall-fatra u r-raqda. "Ton" qal Peppu l-ħamra, "x'jidhirlek minn dak li smajna l-lejla?" "Bħal Malta m'hawnx", wieġeb Toni fil-waqt li tah il-lejl it-tajjeb u rħielha lejn daru.

JOHN SAMMUT

Birkirkara.

# L-Umbrella ta' Mr. Chamberlain

## TIXBIHA

*Lil Ġorġ Pisani li xerred*
*din ix-xorta ta' kitba.*

Kull meta fuq l-Ewropa
tilmaħ sħab iswed ġej
iftaħ, ja Xiħ, l-umbrella
biex kollox jibqa' għaddej.

"Għelm jiddi ta' l-imħabba,
Anġlu tas-sliem u l-ferħ"—
hekk tħares lejk id-dinja
imxennqa għal ftit serħ.

Ismek intiseġ f'qalbha
u ngħaqdet bil-ħsieb miegħek.
Kull meta s-sħab jimtela :
tamtha fl-umbrella tiegħek.

Iżda... jekk tiċċarratlek,
imqarrqa minn xi id,
tibżax : aħfen il-maqbad
tal-fagu u tal-ħadid...

N. Biancardi

# TAGĦRIFA

## F'ĠIEH IL-ĦAQQ U S-SEWWA

Fil-perijodiku li joħroġ kull xahar bl-isem ta' "Lucerna" 1939 faċċ. 49 hemm tagħrifa żgħira fuq l-artiklu *Il-kewkba tas-Saħrin* li deher f'dan il-qari, Diċ. 1938, faċċ. 135. Fost ħwejjeġ oħra hemm miktub: "Le rettifiche e ritrattazioni della Direzione del periodico sono poco soddisfacenti". Dan il-kliem jista' jħasseb ħażin, għaliex jista' jiftiehem li d-Direzzjoni kellha u għandha fehmiet ħżiena fuq tagħlim tal-Knisja. Tagħrifa oħra dehret fi żmien wieħed f'*Leħen is-Seuua*. Il-ġieh ħadd ma għandu ebda jedd fuqu ħlief sidu, għalhekk irrid inxandar tagħrif biex infarfar minn fuq ismi t-trab li jista' jittajjar minn dak li kitbu dawk iż-żewġ ġurnali.

Jiena hu l-editur ta' *Leħen il-Malti*, imma meta nkun mgħobbi bix-xogħol, meta nkun imsiefer jew meta nkun marid, ittmexxija nħalliha f'idejn ħaddieħor, l-ewwel f'idejn il-Professur Ġ. Aquilina u mbagħad, meta dan siefer, f'idejn is-Sur Ġużè Chetcuti. Dawn iż-żgħażagħ magħrufin it-tnejn fil-kitba letterarja tal-Malti u dan kien biżżejjed għalija biex nerħilhom dan ix-xogħol; tagħlim ta' teoloġija mhux meħtieġ biex tmexxi rivista letterarja b'xi żewġ poeżijiet u xi novella. Għalhekk xi drabi l-kitba li tinbagħat għal *Leħen il-Malti* ma tgħaddix minn idejja, u hekk dak l-artiklu daħal bla ma rajtu.

Malli ħareġ il-għadd ta' Diċembru ta' *Leħen il-Malti* u tajtu daqqa ta' għajn u qrajt l-artiklu *Il-kewkba tas-Saħrin*, ħassejtni milqut minn sajjetta, għaliex sibt fih fehmiet li huma kontra t-tagħlim tiegħi fil-klassi. Nisfida l-istudenti tiegħi kollha jekk qatt semgħu minn fommi nofs ta' kelma li tersaq lejn il-fehmiet tal-kittieb ta' dak l-artiklu. Minnufih ktibt tagħrifa kontra dak l-artiklu għan-numru ta' Jannar. Imma f'dik it-tagħrifa ma ridtx nidħol f'irqaqat biex ma nħabbel moħħ ta' ħadd, il-aktar fuq xi ħwejjeġ li fuqhom il-għorrief kattoliċi ma jaqblux bejniethom.

Għaddew ġimagħtejn jew tlieta; kienet bdiet l-iskola wara l-btajjel tal-Milied, u sabni Mons. E. Galea, Segretarju tal-Isqof, u semmieli annom tal-Vigarju dak l-artiklu. Għarraftu li għandi miktuba tagħrifa kontra tiegħu. Inżid ingħid li hu nebbaħni biex inżid il-kelmiet "il-fehma li taqbel mat-tagħlim tal-Knisja." Xi jiem wara kitibli li aħjar nikteb ftit fit-tul,

u jien weġibtu li n-numru ta' Jannar lest, imma fin-numru ta' Frar jien lest biex nagħti tagħrif fit-tul fuq dawk il-punti li jsemmuli. Wara li ħareġ il-għadd ta' Jannar b'dik it-tagħrifa, faċċ. 147, ħadd ma qalli xejn iżjed. Lil Mons. E. Galea fissirtlu l-għala ktibt tagħrifa qasira, u żidt ingħidlu li jekk jeħtieġ tagħrif aktar fit-tul jien lest biex nagħtih. Imma, uerġa' ngħid, mill-Kurja ma waslitli l-ebda kelma oħra. Minn dan għandi nifhem li t-tagħrif li tajt kien biżżejjed, u għalhekk "Lucerna" ma kellha ebda jedd tgħid li "le rettifiche sono poco soddisfacenti." Ħaġa oħra: il-kittieb ta' dak l-artiklu irritratta ruħu milli kiteb għax kien mitlub minni, u minni biss.

Iżjed: ma jidhirlix li hu sewwa tgħid li artiklu hu ħażin bla ma tgħid fejn u l-għala hu ħażin. Il-ħażin jaħtieġ li turih sewwa, inkella aktar tħabbel milli ddawwal il-moħħ tal-qarrejja. Lucerna qalet biss li l-artiklu "contiene parecchie idee erronee". Liema huma? Ma nafux. Qiegħda tistenna l-kitba ta' "un dotto religioso" biex tgħarraf sewwa l-qarrejja. Imma għalfejn dan kollu meta jien stess urejt lis-segretarju tal-Isqof li jien lest biex nagħti kull tagħrif li nkun mitlub?

Fl-aħħar nett irrid inżid li jien kont l-ewwel wieħed li ħabbart l-iżbalji ta' dak l-artiklu. 'Leħen is-Seuua' u 'Lucerna' tkellmu WARA li tkellimt jien, u xahar u nofs jew xahrejn WARA li deher l-artiklu f'Leħen il-Malti. Għaliex dan id-dewmien kollu? Leħen is-Sewwa joħroġ kulljum, u Lucerna setgħet tkellmet fin-numru ta' Jannar. Min hu mejjet għalfejn terġa' toqtlu? Oqtol il-ħaj. L-artiklu ta' L. Cutajar qtiltu jien meta kien għadu ħaj; ħaddieħor qatel il-maqtul.

Dawn il-kelmiet huma miktubin bla ebda spirtu ta' ġlied, imma bil-ħsieb biss li nħares ġieħi minn kull għajb. Ġieħi hu tiegħi u ħadd ma għandu jedd fuqu, u għalhekk hu dmiri li niddefendih minn kull ma jista' jdennsu jew igħabbru.

P. P. Saydon

# KOTBA ĠODDA

*Il-Gwerra tad-Dinja* jew *L-Ikbar Omiċidju Kollettiv*; studju storiku, kritiku, politiku u letterarju tal-gwerra l-kbira, miktub minn DUMINK DE GIORGIO; Malta, 1939, Lux Press.

Waslilna l-ewwel faxxiklu ta' dan il-ktieb, li fih biss il-*Prefazzjoni* u żewġ faċċati mill-ewwel kap. Għalhekk fuq il-ktieb ma nistgħu ngħidu xejn, iżda billi l-kittieb igħid li dan huwa studju letterarju, irridu nsemmu xi għeltijiet letterari bil-ħsieb li ma jerġgħux jidhru fil-faxxikoli l-oħra.

L-ewwelnett il-kittieb jidher li jrid jikteb mill-aħjar, u għalhekk għażel l-ortografija tal-Gvern u jfittex li jagħti sura tajba lill-kitba. Imma jisgħob bina ħafna li r-reguli tal-Grammatka u tal-Istil huma bosta drabi miksurin. Faċċ. 6, *jfittxa*, ikteb *jfittixha*; faċċ. 6 flok *Neville huwa bin il-politku, illum mejjet Joseph Chamberlain*, ikteb *Neville huwa bin il-politku Joseph Chamberlain illum mejjet;* il-kittieb iħobb iqiegħed l-aġġettiv qabel in-nom kontra r-regula; faċċ. 8, *f'dinner li kien preżenti tal-Bankers' Association* ma tiftiehemx, ikteb : *f'dinner tal-Bankers' Association li fih hu kien preżenti*; faċċ. 16, *ulied skond il-kitba mqaddsa Adam u Eva,* huwa kontra l-Grammatka għax il-kelma *ulied* li hi fli *status constructus* ma tistax tinfired mill-ġenetiv tagħha *Adam u Eva*, għalhekk ikteb: *ulied Adam u Eva*, *skond il-kitba mqaddsa.* Bħall-predikaturi jħobb idaħħal il-verb *mar* fejn ma jinħtieġx, hekk : *mar fakkar*, *imur jiddeskriviha*, *imur igħid*, *mar kiteb*, *mar jikteb*, *immorru nsaħħu*, *mar jitħaddet.* Kotra kliem barrani l-kittieb seta' jeħles minnu bi ftit ta' ħsieb iżjed, hekk faċċ. 6, *isalva lid-dinja minn konflagrazjoni mondjali*, ma kienx ikun aħjar hekk: *jeħles id-dinja minn qerda* (jew *qerrieda*) *tal-biża'* (jew *l-aktar kbira*)? *mondjali* wara *dinja* hi żejda. Faċċ. 7 *agreement*, għax mhux *ftehim*? Faċċ. 10 *qawwa suprema*, għid *qawwa l-aktar kbira.* Faċċ. 10 *faċilment*, għid *bil-ħeffa.* Faċċ. 11, *Allura aħna intant*, għid *mela aħna biss.* Faċċ. 15 *ta' min jabboriha*, għid *ta' min jistmellha* (jew *jistkerrahha*); u oħrajn.

Dan jagħti lill-istil togħma ħażina u jtellef lill-ktieb il-jedd li jissejjaħ letterarju. Inwissu l-kittieb biex għal li ġej jimxi aktar bir-reqqa u fuq kollox jaħrab ħafna kliem żejjed li jonfoħ l-istil bla ma ma jagħtih ebda ġmiel jew qawwa.

A. M. GALEA, *San Frangisc tal Piaghi* meħud minn ktieb bl-Ingliż ta' Fflorence Roch, 1939.

**Imfissrin minn P. P. Saydon**

Ma jdumx ma jidħol għall-istampa l-għaxar wieħed fost il-Kotba Mqaddsa maqlubin bil-Malti mill-Prof. P. P. Saydon, Iżda l-awtur jisgħob bih igħarraf li billi l-bejgħ ta' dawn il-kotba hu żgħir ħafna sa jkollu jnaqqas il-għadd tal-kopji u hekk il-prezz jogħla. Min irid jixtrih, jagħti ismu lis-Sur Salv Farrugia tal-Empire Press u jkollu l-ktieb b'1/3 jew 1/6; min jixtrih mill-ħwienet iħallas 2/- jew 2/6.

KTIEB IL-ĠENESI, 1929, ma fadalx aktar minnu.
KTIEB L-EŻODU, 1930.
KTIEB IL-LEVITKU, 1930.
KTIEB IN-NUMRI, 1931.
KTIEB ID-DEWTERONOMJU, 1931.
TIFSIR IL-KLIEM, 1931.
KTIEB ĠOŻWE, 1931.
KTIEB L-IMĦALLFIN U KTIEB RUT, 1932.
IL-KOTBA TA' SAMWEL, 1933.
IL-KOTBA TAS-SLATEN, 1937.
IL-KOTBA TAL-PARALIPOMNI, joħroġ fil-bidu tas-sena 1939.

---

# RIGALI SBIEĦ U RĦAS

Trid tagħti rigal sabiħ u rħis? Flok ma tonfoq ħafna flus f'kaxxi ta' ħelu u ġugarelli ta' ebda fejda, ixtri ktieb bil-Malti.

Jekk inhu tifel tal-iskola agħtih il-*Ward ta' Qari Malti*.

Jekk inhi xbejba agħtiha *Inez u Emilja*.

Lil min iħobb l-istorja agħtih l-*Istorja ta' Malta* ta' Ġ. A. Vassallo, *Il-gżejjer ta' Malta* ta' Temi Zammit, l-*Istorja ta' Birkirkara, Raħal Ġdid, Mosta*, eċċ. ta' E. B. Vella.

Lil min iħobb jaqra rumanzi agħtih *Taħt tliet Saltniet* ta' Ġ. Aquilina, *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġ. Galea, *Ċensu Barbara* u *Ċejlu Tonna* ta' Ġużè Muscat Azzopardi, *Anġli tan-Niket* ta' Ġinu Muscat Azzopardi.

Lil min hu aktar 'il quddiem fil-Malti agħtih il-*Kotba Mqaddsa* ta' P P. Saydon, l-*Oqbra* ta' Dun Karm; *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona.

U biex iżżewwqu l-għażla għandkom: *Minn Xtut in-Nil*, *L-akbar imħabba*; *Il-ħajja tar-Re u r-Reġina*; *Ward jew Xewk*; u oħrajn.

U jekk ktieb wieħed jidhrilkom li hu ftit, agħtu tnejn, tlieta, aktar.

☞ HAREG:

# LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR

TA'

ĠUŻÈ ELLUL

It-Tielet wieħed mill-

## ĠABRA TA' KITBA MALTIJA

MAĦRUĠA

MIT-TABIB ĠUŻÈ BONNICI

---

**Tisħib**

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena.**
**Kopja waħda sold**
**Għal barra minn Malta id-doppju.**

**Għat-Tisħib u bejgħ morru għand id-Ditta**

**A. C. AQUILINA & Co.**

**58D Triq Irjali, il-Belt.**